Kulleġġ Santa Margerita

Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2011

| Il-Ħames Sena | Malti Kitba | Ħin: Siegħa u Kwart |
|---|---|---|

**Isem:** ________________________________________ **Klassi:** __________

**A. Aqra' sew is-silta li ġejja:**

Il-Werżieq li Għanna s-Sajf Kollu



Darba waħda kien hemm werżieq li qabdu l-ġuħ. Fil-qrib kien hemm xi nemel ħdejn il-bieb tad-dar tagħhom. Huwa dar fuqhom u talabhom daqsxejn x'jiekol. Kontra kull regola tan-nemel, dawn waqfu mix-xogħol u daru fuqu: "Aqtagħlna l-kurżita', inti fis-sajf x'għamilt?" *(par. 1)*

"Gawdejt is-sajf. Għaddejt il-jiem tas-sajf rieqed fil-ħitan tas-sejjieħ biex niskansa mis-sħana tax-xemx, waqt li bil-lejl kont ngħanni għad-dawl tal-qamar," qal pront il-werżieq. "Ħafna drabi kelli noqgħod kwiet għax xi tfal xtaqu jaqbduni," kompla l-werżieq. *(par. 2)*

"X'kont tiekol?" staqsiet nemla żgħira li bħal xtaqet tgħaddi ħajja bħal dik. "Problema għall-ikel ma kellix. Kelli ikel kemm irrid. L-għelieqi kienu mimlijin tadam u għalhekk ma kellix għalfejn inħabbel rasi. Kelli festa t'ikel bnin mnejn nagħżel," wieġeb il-werżieq. *(par. 3)*

"Kif allura, qatt ma ħsibt biex tfaddal xi ftit għall-jiem tax-xitwa?" staqsa nemlu iswed. "Ma ħsibtx li kelli għalfejn, ħsibt li dawk l-għelieqi tat-tadam ma kienu sejrin jispiċċaw qatt. Meta bidwi kien jaqla' għalqa tadam, kont nimxi ftit passi u mmur fl-għalqa l-oħra. Iżda ħej, sa ftit jiem qabel l-ewwel xita, il-bidwi qala' it-tadam kollu u ma bqajtx insib x'niekol. Kien għalhekk li llum ġejt għandkom nittallab ftit ikel."
*(par. 4)*

"Tajjeb wisq," qalulu n-nemel, "Aħna min-naħa tagħna ma nsibu xejn ħażin li nagħtuk xi ħaġa x'tiekol. Nixtiequ li gawdejna s-sajf bħalek, iżda aħna magħmulin mod ieħor. Aħna ħsiebna dejjem fix-xogħol. Hekk darrewna u għallmuna, erfa' u sorr għal meta tiġi bżonn," temmew jgħidu n-nemel li raw kemm kien għażżien il-werżieq. "Mela tuni... għax ħa mmut bil-ġuħ," qalilhom il-werżieq. *(par. 5)*

"L-unika problema li għandna hija li aħna jkollna noqogħdu għall-istorja..." qallu nemlu bieżel. "Xi storja hi?" staqsa l-werżieq. "Tgħidlix li qatt ma smajtha l-istorja tal-bużnannu tiegħek, il-werżieq li qagħad jgħanni s-sajf kollu, imbagħad mar għand in-nemel biex jagħtuh x'jiekol.." qalulu n-nemel. *(par. 6)*

"Smajtha, ... dażgur li smajtha, ... imma tgħidulix li intom se tagħmlu bħall-antenati tagħkom?" staqsiehom il-werżieq, waqt li ma rax aktar in-nemel li daħlu f'darhom u qaflu l-bieb. *(par. 7)*

**Issa wieġeb b'sentenzi sħaħ. Tagħmilx żbalji fil-kitba.** (15-il marka)

1. Liema żewġ insettu jissemmew fl-istorja?

______________________________________________________________(1)

2. Lil min talab il-werżieq biex jagħtuh xi ħaġa x'jiekol?

______________________________________________________________(1)

3. Fejn għadda l-jiem sħan tas-sajf il-werżieq?

______________________________________________________________(1)

4. X'kien jiekol fis-sajf il-werżieq?

______________________________________________________________(1)

5. Għaliex ma ħabbilx rasu biex ifaddal ftit ikel għax-xitwa?

______________________________________________________________(1)

6. X'għamel il-bidwi qabel m'għamlet l-ewwel xita?

______________________________________________________________(1)

7. Għaliex in-nemel ma ridux jagħtuh ikel?

______________________________________________________________(1)

8. Min taħseb li kien l-aktar insett bil-għaqal?

____________________________________________________(1)

9. Sib qawl mill-istorja.

____________________________________________________(1)

10. Mis-silta sib **kelma** jew **frażi** li tfisser:

i. ħaġa li tixtieq tkun taf *(par. 1)* ____________________(1)

ii. ħadt pjaċir *(par.2)* ____________________(1)

iii. biċċa nkwiet *(par. 3)* ____________________(1)

iv. tiġbor għall-futur *(par. 5)* ____________________(1)

v. xi ħadd li ma jrid jagħmel xejn *(par. 5)* ____________________(1)

vi. dawk li ġew qabilna *(par. 7)* ____________________(1)

**B. Immarka Veru jew Falz bis-sinjal ✓.**
**L-ewwel waħda lesta.** (5 marki)

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-werżieq talab lin-nemel biex jagħtuh xi ħaġa x'jiekol. | ✓ | |
| 2. | Il-werżieq qatta' s-sajf kollu jiġbor it-tadam għax-xitwa. | | |
| 3. | In-nemel huma insetti għażżenin ħafna. | | |
| 4. | Il-werżieq qatt ma ħabbel rasu dwar ix-xitwa. | | |
| 5. | L-għelieqi kienu dejjem mimlijin tadam is-sena kollha. | | |
| 6. | In-nemel ma mxewx mal-werżieq bħall-antenati tagħhom. | | |

**Ċ. Aqta' sing taħt il-kelma li ma taqbilx mal-oħrajn.**
**L-ewwel waħda lesta.** (5 marki)

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | werżieq | naħla | nemla | Nina | nemusa |
| 2. | tajjeb | brikkun | ħażin | għażżien | imqareb |
| 3. | widnejn | għajnejn | spallejn | ħalq | saqajn |
| 4. | dniefel | fkieren | qtates | żwiemel | dbielet |
| 5. | talab | raqad | resaq | kiteb | telqet |
| 6. | aħdem | għamel | agħfas | iftaħ | oħroġ |

**D. Daħħal l-artiklu. L-ewwel waħda lesta.** (10 marki)

1. Toni Borg kien joqgħod _____ Isla.
2. Ħafna Maltin marru jgħixu _____ Kanada.
3. Poġġew ___ kotba fuq ___ mwejjed.
4. ___ Manikata huwa raħal tassew sabiħ.
5. Dawk li joqogħdu ___ Żurrieq jissejħu Żrieraq.
6. ___ arloġġ tal-knisja jżomm ħin tajjeb.
7. Ilbieraħ mort ___ Gudja, ___ Żejtun u ___ Fgura bir-rota.



**E. Ifhem din is-silta. Wara daħħal <u>kelma</u> f'kull vojt li tagħmel sens f'din is-silta. L-ewwel waħda lesta.** (10 marki)

Laura u Dylan kienu aħwa tewmin. Kellhom l-istess gosti u jħobbu l-istess **<u>affarijiet</u>**. Huma minn dejjem xtaqu li xi darba jrabbu xi kelb ____________. Huma kienu jħobbuhom wisq l-annimali. Meta għalqu disa' ____________, in-nannu ____________ tahom xi ħaġa tal-flus ____________ wieħed. Marru jiġru dlonk fil-____________ biex jixtru ġeru. Sid il-ħanut kellu għal bejgħ żewġ ġriewi sufin u ____________ ħafna. Xtaqu jixtruhom it-tnejn ____________ ma setgħux. Għalhekk xtraw wieħed ____________. L-aħwa ħadu l-ġeru magħhom. Ġabulu plattina bil-ħalib u _______ ikel ieħor. Għall-ewwel il-ġeru ma ried iduq ____________. Iżda ma damx ma beda jidra l-familja ġdida tiegħu.

**F. Aqra sewwa. Imla l-vojt skond x'hemm fil-parenteżi.** (10 marki)

Aħna l-familja tan-nemel. Aħna għandna dak li intom issejħulu sens ______ (**agħżel bejn ta, ta' jew taha**) komunita' għax ngħixu flimkien u naħdmu għal xulxin. Aħna ____________ **(il-preżent ta' għexna)** f'kolonja mwaqqfa' minn ____________ **(femminil ta' re)**. Din tbid ħafna ____________ **(plural ta' bajda)** matul ir-______________ **(kelma oħra għal saltna)** tagħha. Il-biċċa l-kbira tal-bajd isir nemel _______________ **(plural ta' ħaddiem)**. Jien li qiegħed _______________ **(preżent ta' ktibt)** dan it-tagħrif, fil-fatt jiena nemlu naħdem il-ħin kollu. Naħseb li tafuha l-istorja tal-______________ **(nom minn werżaq)** li qatta' s-sajf kollu jkanta, imbagħad meta ______________ **(verb minn w-s-l)** ix-xitwa miet bil-___________ **(il-maqlub ta' sħana)** u l-ġuħ.



**Ġ. Daħħal kelma oħra flok dik li hemm fil-parenteżi.**

**Ħares lejn l-eżempju.** (5 marki)

Kien **jum** (kelma oħra flok **ġurnata**) sabiħ. Kont bilqiegħda f' xatt il-baħar. Ġejt infittex il-__________________ (kelma oħra flok **skiet**). Fuq ix-__________________ (kelma oħra flok **orizzont**) rajt dgħajsa tal-qlugħ. Biż-żiffa qawwija d-dgħajsa bdiet titbandal fuq il- __________________ (kelma oħra flok **ħalel**) biex tasal fil-kenn ta' xi port. Is-sema __________________ (kelma oħra flok **blu**) nir kompla sebbaħ din ix-xena hekk sabiħa. Kemm nixtieq li din il-__________________ (kelma oħra flok **vaganza**) ma tispiċċa qatt.

**G. Oħroġ l-imperattiv mill-għerq f'din is-silta.**
**Ħares lejn l-eżempju** (5 marki)

1. Chris, **(ħ-r-ġ)** oħroġ il-ktieb tal-Malti u ibda aqra.
2. Tfal, **(d-ħ-l)** ________________ ġewwa għax sar il-ħin.
3. **(T-l-q)** ________________ kollox minn idejkom.
4. Frans u Rita, **(f-r-x)** ______________ s-sodda issa.
5. Pà, **(n-f-ħ)** ______________ it-tajer għax niżel.
6. **(B-r-x)** " ______________ l-ħajt għax ħa nbajduh," qal l-imgħallem lill-ħaddiema.

GĦ. Ikteb **komponiment** ta' madwar **120 kelma** dwar **WIEĦED** minn dawn is-suġġetti.

(20 marka)

1. **Ġurnata fl-għalqa tan-nannu.**

Għid kif qattajt il-ħin taħdem u tilgħab fil-kwiet tal-kampanja.



2. **L-annimal li nrabbi.**

Semmi l-annimal li trabbi. Minn fejn ġibtu?
X'okkażjoni kienet meta tawhulek? X'tagħtih jiekol?



3. **Il-Kompjuter.**

Meta nxtara? Kemm tgħaddi ħin quddiemu?
X'użu tagħmel minnu?



**4. Djalogu bejn fjura u farfett.**

Ikteb djalogu bejn fjura u farfett li għadu kemm mar iżurha.
X'ser jgħidu lil xulxin?



Titlu: ____________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

TMIEM IL-KARTA